MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 611/1999/1

**Joseph Aquilina bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Giuseppe Mercieca u permezz ta' nota tas-27 ta' Novembru 2000 Vincent Ciliberti assuma l-atti minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza**
**vs**
**Nobbli Arthur Barbaro Sant, Nobbli Emily Barbaro Sant, Henry Borg, Rev. Patri Robert Farrugia O.C., Joseph Pace, Kanonku Dun Frans Perici, John Schiro`, Rev. Patri Gorg Grech O.P., Joseph Pisani, George Lewis – ilkoll bhala formanti parti l-Board of Trustees ta' l-hekk imsejjha Fundazzjoni Adeodata Pisani, u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2001 gie kjamat in kawza Arnold Grech.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni tat-12 ta' Marzu 1999 meta l-attur ippremetta li l-konvenuti b'kuntratt tat-12 ta' Settembru, 1998 in atti Nutar Dottor Carmel Gafa` kkostitwew ruhhom f' "Fundazzjoni Adeodata Pisani" kontra r-rieda ta' Monsinjur Arcisqof u wara li Monsinjur Arcisqof b'digriet tad-9 ta' Settembru 1998 kien nehha lill-konvenut Arthur Barbaro Sant minn "ko-ordinatur" tal-kawza tal-Venerabbli Maria Addeodata Pisani O.S.B. u hatar minfloku lil Monsinjur Carmelo Zammit J.C.L.,Prel.S.S.; illi sahansitra l-"letterheads" jirriferixxu ghal "kawza kanonizzazzjoni Ven. Marija Adeodata Pisani OSB – Monasteru San Pietro Mdina RBT 12 Malta" meta ma hemm jew baqa' ebda konnessjoni ma' l-imsemmija Monasteru u kawza; u ghalhekk talab li:-

1. il-konvenuti jigu definittivament inibiti milli jkomplu jipprogettaw ruhhom bhala b'xi mod konnessi mal-process kanoniku ghal beatifikazzjoni tal-Venerabbli Suor Adeodata Pisani O.S.B. tant individwalment kemm bhala komponenti 'l hekk imsejjha "Fundazzjoni Adeodata Pisani";

**2.** dina l-Qorti tordna li dak kollu li sar kontra l-proibizzjoni hawn fuq imsemmija (letterheads, etc) jigu meqruda jew tordna kull rimedju iehor li jista', skond ma jkunu c-cirkostanzi, inehhi l-attijiet illeciti li jkunu saru kontra d-digriet ta' Monsinjur Arcisqof.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota ta' Rev. Patri Gorg Grech presentata fis-7 ta' Dicembru 1999 li permezz taghha eccepixxa li fil-konfront tieghu t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes billi hu ilu li rrizenja mill-Fondazzjoni Adeodata Pisani mill-10 ta' Marzu 1999 u cioe` qabel ma giet intavolata din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess Patri Gorg Grech u d-dokument minnu ppresentat.

Rat in-nota tal-konvenuti kollha hlief ghall-konvenut hawn fuq imsemmi presentata fil-15 ta' Dicembru, 1999 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi preliminarjament irrizenjaw mill-Board of Trustees ir-Reverendu Patri George Grech, ir-Reverendu Patri Robert Farrugia u r-Reverendu Kanoniku Kavalier Francis Perici.
2. Illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tisma’ l-kawza. Id-digriet imsemmi fic-Citazzjoni ta’ Monsinjur Arcisqof huwa digriet Kanoniku li ma ghandu ebda effett civili: l-attur ma jistax jagixxi quddiem il-Qorti Civili sabiex jenforza Digriet kanoniku ghaliex l-ordinament statali u l-ordinament Kanoniku huma zewg ordinamenti separati distinti awtonomi u indipendenti; is-sanzjoni kanoniku hija distinta minn dik Civili u hija applikata mill-organi appositi Kanonici; civilment id-digriet ta’ Monsinjur Arcisqof ma ghandu ebda effett u mhux enforzabbli minn dawn il-Qrati; dan il-punt johrog car ghalkemm indiretta (sic) mill-Kapitolu 1 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti qed jezercitaw dritt legittimu lilhom moghti mill-Kostituzzjoni inklux dak li jassocjaw b'mod liberu u pacifiku, dak li jesprimu l-opinjoni taghhom b’mod liberu u fuq kollox qedin jesercitaw id-dritt tal-kult u tal-liberta` tal-kuxjenza u tal-liberta` religjuza – l-esponenti qeghdin minn issa jirriservaw id-drittijiet fundamentali taghhom a tenur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali; il-fondazzjoni “de quo” hija att ta’ volonta` libera rikonoxxuta mil-Ligi Civili u espressjoni legali ta’ xewqa ta’ persuni li jassocjaw bi hsieb u bi skop legittimu. L-attur ma ghandu ebda poter civili illi jwaqqaf tal-assocjazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xhieda tal-konvenuti fuq imsemmija.

Rat in-nota tar-Rev. Kan. Francis Perici presentata fil-15 ta’ Frar 2000 li permezz taghha eccepixxa li t-talbiet attrici, inkwantu diretti kontrih, ghandhom jigu respinti u li hu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan billi huwa kien irrizenja minn membru tal-Fondazzjoni Adeodata Pisani fil-17 ta’ Lulju 1999 qabel ma gie notifikat bic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut kif ukoll d-dokument minnu presentat.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Frar, 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta' Mejju, 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2001 li permezz tieghu giet akkolta t-talba tal-attur ghall-kjamata in kawza ta' Arnold Grech. Jinghad ukoll li fl-imsemmi rikors intalab li jinhargu mill-kawza n-nobbli Arthur Barbaro Sant, Patri Robert Farrugia O.C., Joseph Pace, Kanoniku Dun Frans Perici, Patri Gorg Grech O.P. u l-attur iddikjara li qed **jcedi l-kawza kontrihom.**

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' 1 ta' Marzu, 2002 meta l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar fuq l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Qorti u ghalhekk  il-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni bil-fakolta` tan-noti ta' osservazzjonijiet.
Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet maghmula mill-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija limitata ghall-konsiderazzjoni tal-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mill-konvenuti kollha hlief ghal Patri Gorg Grech. Infatti fit-tieni eccezzjoni minnhom moghtija jinghad espressament hekk:-
"*Illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' l-kawza. Id-digriet imsemmi fic-citazzjoni ta' Monsinjur Arcisqof huwa digriet kanoniku li ma ghandu ebda effett civili: l-attur ma jistax jagixxi quddiem il-Qorti Civili sabiex jenforza Digriet kanoniku ghaliex l-ordinament statali u l-ordinament kanoniku huma zewg ordinament separati distinti awtonomi u indipendenti; is-sanzjoni kanonika hija distinta minn dik Civili u hija applikata mill-organi appositi Kanonici: civilment id-digriet ta' Monsinjur Arcisqof ma ghandu ebda effett u mhux enforzabbli minn dawn il-Qrati;*

*dan il-punt johrog car ghalkemm indiretta mill-Kapitolu 1 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, hija tal-fehma li din l-eccezzjoni ma ghandha ebda fondament guridiku u konsegwentement ma tistax tigi akkolta.

Mhux kkontestat li d-digriet ta' Monsinjur Arcisqof li jgieb id-data tad-9 ta' Settembru, 1998, huwa marbut mal-ordinament kanoniku nkwantu huwa indirizzat lejn l-process ta' beatifikazzjoni tal-Venerabbli Marija Addeaodata Pisani u bhala tali gie provdut li jitqabbad il-Wisq Reverendu Monsinjur Carmel Zammit J.C.L. Prel.S.S. bhala Koordinatur Djocesan bid-drittijiet u l-fakoltajiet kollha moghtija lilu mill-Ligi tal-Knisja. Din il-persuna, in vista tal-imsemmi digriet, kellha, taht id-direzzjoni u l-awtorita` ta' l-Isqof tal-Post, "*tiehu hsieb l-organizzazzjoni kollha mehtiega u konnessa ma' dan il-ghan* (cioe` fil-hidma tal-kawza tal-Venerabbli Marija Adeodata Pisani) *kif ukoll jamministra l-fondi kollha li jingabru biex tinghata l-ghajnuna mehtiega lill-Monasteru San Pietru fl-ispejjez li fi zmien iehor is-sorijiet jkollhom jaffrontaw in konnessjoni ma' l-eventwali Beatifikazzjoni."*

Huwa minnu li fl-imsemmi digriet hemm ordni tal-Monsinjur Arcisqof  indirizzat lill-membri tad-diocesi fejn dawn huma vjetati milli jiehdu "*inizjativi ta' natura pastorali jew finanzjarja konnessi mal-Beatifikazzjoni tal-Venerabbli Marija Adeodata Pisani minghajr l-awtorizzazzjoni Taghna jew tal-Koordinatur Djocesan.*" Il-konvenuti qed jargumentaw li tali ordni, ta' natura purament kanoniku, jista' jkollu effetti taht il-ligi kanonika izda qatt ma jista' jigi enforzat fil-Qrati Civili in forza tal-provvedimenti tal-Kapitolu 1 tal-Ligijiet ta' Malta u b'rispett lejn id-dritt ta' assocjazzjoni tal-konvenuti kif protett fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

Ma hemmx dubbju li process ghall-beatifikazzjoni ta' persuna decessa u l-istess beatifikazzjoni huma intrinsikament marbutin mal-ligi kanonika u ma ghandhom ebda aspett ta' natura civili li din il-Qorti tista', b'xi mod,

tinvestiga jew tikontrolla. Ghalhekk dan il-process jispetta lil u huwa dejjem fil-kompetenza tal-Knisja li ghandha l-obbligu mhux biss li tibda tali proceduri izda ukoll id-dmir li tikkontrolla kull stadju tal-process sal finali beatifikazzjoni. Konsegwentement kull cittadin jew assocjazzjoni li ma tkunx hekk awtorizzata ma tistax tipprogetta ruhha mal-pubbliku bhala entita` intimament marbuta ma’ dan il-process. Fil-kaz in ezami jidher li l-Fundazzjoni konvenuta hija specifikatament mahluqa sabiex tmexxi l-quddiem l-kawza tal-Kanonizzazzjoni (illum Beatifikazzjoni) tal-Ven. Marija Adeodata Pisani O.S.B. kif jidher mill-istess “Letterheads” ta’ din l-Fundazzjoni u kif ammess mill-istess konvenuti. Jidher ukoll mill-Preambolu tal-Fundazzjoni (Fol 9 et seq.) li l-istess fundazzjoni qed tipprospetta li tigbor fondi mill-pubbliku bl-ghan specifiku ghall-beatifikazzjoni. Ghalhekk jidher li l-konvenuti qed jippretendu li ghandhom xi drittijiet in materja u, bl-iskop li jigbru fondi, jipprogettaw ruhhom mal-pubbliku bhala l-ente “guridiku” interessat fl-istess “kawza”. Dan jidher li huwa uzurpazzjoni ta’ drittijiet spettanti lill-attur u liema abbuz jista` u ghandu jigi kontrollat mill-qrati civili mhux inkwantu l-materja per se hija ta' natura religjuza izda nkwantu l-istess konvenuti qed jarrogaw ghalihom infushom u ghall-fundazzjoni minnhom rapprezentata certa drittijiet li huma barra mill-kompetenza taghhom u anzi espressament rizervati in forza tal-ordinament kanoniku lill-attur. Minn dan l-aspett ghalhekk jidher li t-talba kif proposta u cioe` li l-konvenuti “*jigu definittivament inibiti milli jkomplu jipprogettaw ruhhom bhala b’xi mod konnessi mal-process kanoniku ghall-beatifikazzjoni tal-Venerabbli Suor Addeaodata Pisani*” hija ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti billi wkoll tista’ twassal ghall-sanzjonijiet civili kif ukoll prospetta fit-tieni talba tac-citazzjoni.

Ghar-ragunijiet moghtija din il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni sollevata mill-konvenuti, bl-ispejjes kontra taghhom, u tordna li l-kawza tintbaghad quddiem din il-Qorti kif preseduta mill-Imhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tal- sabiex tigi trattata u deciza fil-meritu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------